# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu 2022**

**Talba Nru: 297/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Volkan Sinop (MT 7251592) u Engin Turk (0080811(L))**

**Vs**

**TSF Company Ltd (C 81131)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2021[1], permezz ta' liema, l-atturi talbu li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-ammont ta' erba' telef, seba' mija u disgħa u sebgħin Ewro (€4,779.00) rappreżentanti ħsarat li seħħew fil-fond 3, Triq Sant' Andrija, San Ġiljan u dan għar-raġunijiet

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

aħjar imfissra fl-istess Avviż. Ġew eżebiti wkoll rapport peritali[2] u rapport ta' inġinier[3]. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Ra li s-soċjetá konvenuta ġiet debitament notifikata[4] iżda la ppreżentat risposta fit-terminu li trid il-liġi u lanqas rreġistrat dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2022[5];

Sema' x-xhieda tal-attur Engin Turk[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġà ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, is-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[7].

---

[2] Maħruġ mill-Perit Daniel Grima, nhar it-23 ta' Mejju 2021. Dan huwa eżebit bħala Dok A.
[3] Maħruġ mill-Inġinier Martin C. Pizzuto, nhar it-28 ta' Diċembru 2020. Dan jibda a fol 19 tal-proċess.
[4] Timbru relattiv jinsab *a tergo* ta' fol 29 tal-proċess.
[5] Verbal relattiv jinsab a fol 30 tal-proċess.
[6] Magħmula fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022.
[7] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mill-attur m'għandux mis-sewwa u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba. Huwa minnu li l-esperti ingaġġati ma ġewx prodotti sabiex jieħdu ġurament fuq l-istess rapporti, iżda filwaqt lit-Tribunal ifakkar li m'huwiex marbut bir-regola tal-aqwa prova[8] (għalkemm ma hemm xejn xi jwaqqaf dan it-Tribunal milli jitlobha[9]) iqis, anke wara li ra l-komportament tal-attur Engin Turk waqt ix-xhieda tiegħu[10] li l-verżjoni hemm mogħtija hija veritiera u tipprova suffiċjentement l-azzjoni hawn magħmula.

---

[8] Artikolu 9(2)(b) tal-Kapitolu 390 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Herman Rantasa et vs Kevin Buttigieg et,** (App Ċiv Nru: 614/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 fejn intqal hekk: "*Ferm dan il-hsieb, din il-Qorti, ciononostante dak affermat b' mod generali kwantu ghall-"ahjar prova" bhala principju regolatur in materja ta' provi taht l-ordinament proċedurali taghna fil-Kapitolu 12, ma tistax tinjora d-disposizzjonijiet tal-ligi specjali. Senjatament, l-Artikolu 9 (2) subpara. (b) ta' l-Att V ta' l-1995 li jiddisponi li l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b' kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta."*

[9] F'dan is-sens, b'mod speċjali għal dak li jikkonċerna dan it-Tribunal, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti**, (App Ċiv Nru: 474/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Ġunju 2004 fejn dwar dan intqal hekk: *"B'danakollu dan ma jfisserx, ukoll, illi kien hemm xi obbligu fuq it-Tribunal f'dan il-kaz li jikkonduci hu l-provi tal-partijiet."*

[10] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li lewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".*

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna s-soċjetá konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' erba' telef, seba' mija u disgħa u sebgħin Ewro (€4,779.00) bl-imgħax legali mill-25 ta' Ottubru 2021[11] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[11] Data tal-preżentata tat-Talba odjerna.